



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2015/2038(INI)

24.9.2015

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-implementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2010 tal-Parlament dwar l-istandards soċjali u ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem u r-responsabbiltà korporattiva
(2015/2038(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Malin Björk

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-ftehimiet tal-kummerċ li jolqtu lin-nisa u lill-irġiel b' mod differenti minħabba fl-inugwaljanzi bejn is-sessi kwantu għall-aċċess għall-edukazzjoni, għall-opportunitajiet ta' xogħol, għas-servizzi, għar-rizzorsi u għat-teħid ta' deċiżjoni;
- B. billi l-Istrateġija attwali tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2010-2015) jippreskrivi li l-UE se tintegra l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politika tagħha tal-kummerċ bħala parti minn qafas usa' ta' żvilupp sostenibbli;
- C. billi kwalunkwe miżura li ttejjeb ħilet il-ħaddiema, l-istabbiltà tal-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-assigurazzjoni u l-benefiċċji ta' kontra l-qgħad — bħalma liv imħallas, inkluż il-liv parentali, u l-kura medika — x'aktarx li jibbenefikaw il-ħaddiema nisa bil-bosta, l-aktar dawk li jinsabu f'kundizzjonijiet prekarji;
 1. Jitlob li jiġu applikati b' mod effettiv l-istandards fundamentali tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti fil-ftehimiet tal-kummerċ preferenzjali tal-UE;
 2. Jinnota l-inklużjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) fil-lista ta' konvenzjonijiet tal-iskema GSP +, u jitlob li jkun hemm monitoraġġ bir-reqqa tal-ottemperanza tal-benefiċjarji mal-obbligi;
 3. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-prattika tal-inklużjoni ta' klawżoli vinkolanti dwar il-jeddijiet tal-bniedem, b' enfasi partikolari fuq jeddijiet in-nisa, fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali tal-UE;
 4. Iqis li huwa ta' dispjaċir li l-ftehimiet tal-kummerċ huma ta' sikwit innegożjati mingħajr ma jsir riferiment għall-impatt tagħhom fuq jeddijiet in-nisa u l-bniet — il-jedd għas-saħħa, għall-edukazzjoni, għall-ikel, għax-xogħol u għall-ilma — u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-koerenza bejn il-politiki differenti iżda marbutin ma' xulxin, bħalma huma l-kummerċ, l-iżvilupp, l-impjiegi, il-migrazzjoni, u l-ugwaljanza bejn is-sessi;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni, b' mod parallel man-negożjar ta' ftehimiet kummerċjali jew qabel l-innoġezjar, li jwettqu valutazzjonijiet bejn is-sessi, bħala parti minn inizjattiva usa' ta' valutazzjoni tal-impatt ta' żvilupp tal-bniedem;
 6. Jagħmel enfasi li l-politika kummerċjali tal-UE trid tiżgura li l-kapaċità tal-Istati li jirregolaw u jħarsu jeddijiet in-nisa, l-ambjent, jeddijiet il-konsumatur u jeddijiet il-ħaddiema ma tkunx imminata, u tiżgura li l-impriżi u l-investituri jinżammu responsabbli lejn il-poplu u l-gvernijiet għall-impatt tagħhom fuq il-jeddijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, is-soċjetà, l-ambjent, u l-iżvilupp.